MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 113/2002

**Melita Cable plc**

**vs**

**Godfrey maghruf bhala Alfred, u Frances konjugi Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghidu intom konvenuti jew min minnkom ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas l-ammont ta' elf u hames mitt lira maltija (Lm1500) dovuti bhala rizarciment da parti taghkom lis-socjeta' attrici minhabba il-fatt illi fix-xhur bejn Gunju 2000 sa Marzu 2002, dhaltu b'qerq fis-sistema ta' telekomunikazzjoni tas-socjeta' attrici, kkonnettjajtu maghha kontra il-ligi u sraqtu is-servizz ta' cable television tal-istess socjeta' ad uzu tal-lukanda 'Atlantis Hotel', Triq il-Qolla, Marsalforn; flimkien mal-interessi fuq din is-

somma b'effett mid-data tan-notifika lilek ta' dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Mejju 2002 u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 2002.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejjha."

Ra r-risposta:

"Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li m'huwiex minnu li l-konvenut "dahal b'qerq" fis-sistema tat-telekomunikazzjoni tas-socjeta' attrici bhalma qed jigi allegat fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju is-socjeta' attrici ghandha tiggustifika t-tip ta' rizarciment li qed tippretendi li ghandha tircievi minghand il-konvenut;

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat u m'ghandux jithallas.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta li saret konnessjoni mhux awtorizzata ta' servizz ta' cable television ghall-uzu domestiku ma' lukanda li ghandha 78 kamra. Dan jirrizulta bla ebda dubbju mill-ammissjoni stess tal-konvenut Alfred Farrugia

kemm mal-pulizija kif ukoll mal-ufficcjali tal-kumpannija attrici. L-ammissjoni kif inhu maghruf, hija r-regina tal-provi u ma hemmx ghalfejn issir indagini ulterjuri meta jkun hemm l-ammissjoni. Din il-konfessjoni kienet fis-sens li mas-servizz tal-cable gew ikkomunikati l-kmamar kollha tal-lukanda. Ma hemmx dubbju l-anqas li dan huwa fatt illecitu li ghalih il-konvenut ghandu jhallas id-danni subiti mis-socjeta' attrici li tforni dan is-servizz.

Illi dwar il-quantum tad-danni, dan kien certament ikbar minn dak pretiz mis-socjeta' attrici, u del resto jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' LM1,500 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Mejju 2002 u dik ufficcjali tat-2 ta' Settembru 2002 u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------